# Beati u Qaddisin....Marzu

## BEATA ANGELA SALAWA

## 12 TA' MARZU.



Anġela Salawa twieldet f'familja reliġjuża ġewwa Siepraw, qrib Krakovja, il-Polonja, fid-9 ta' Settembru, 1881. Missierha kien jismu Bartlomiej u ommha kienet jisimha Ewa.

Hija kienet il-ħdax-il wild tal-familja Salawa fost it-tnax-il tifel u tifla. Sahhitha kienet dghajfa hafna. Erbat ijiem wara t-twelid taghha giet mghammda u moghtija l-isem ta' Angela. Missierha kien haddied u ommha kienet iddur u teduka lil uliedha fil-virtu'. Ta' tnax-il sena hija rceviet ghal l-ewwel darba lil Gesu' Ewkaristija skont l-uzanza ta' dawk iz-zminijiet.

Fis-sena 1897 ohtha akbar minnha laqghetha go darha fi Krakovja biex tghix maghha. F'din il-belt hija kienet tahdem ta' seftura mal-familji sinjuri u damet tahdem hekk ghal ghoxrin sena. Dak li tghallment minn dan ix-xoghol kienet tghaddih lit-tfajliet li xtaqu jahdmu ta' sefturi.

Fis-sena 1913 dahlet taghmel parti mis-sezzjoni lajka ta' l-Ordni Frangiskan. Il-virtu ta' l-imhabba tal-proxxmu kienet turiha ma' kulhadd; hekk li  matul l-ewwel Gwerra Dinjija, kienet tgħin lill-priġunieri kollha, mingħajr ma tqis x'nazzjonalità huma jew x'reliġjon iħaddnu. Kienet wkoll tiġri fl-isptarijiet u ddur bis-suldati feruti u tqatta' ħinijiet twal tikkurahom. Fis-sena 1917 kellha tieqaf minn dak l-appostolat ghaliex sahhitha ma kienetx tippermettilha. Il-marda li hakmitha, damet issofri minnha ghal hames snin.

Fid-djarju tagħha kitbet "Jien ngħix skont ir-rieda tiegħek, immut meta inti trid; salvani għaliex inti tista'!"

Hija mietet fit-12 ta' Marzu, 1922. Mietet fil-faqar, iżda b'fama ta' qaddisa. Il-Qaddis Papa Ġwann Pawlu II, ibbeatifikaha fl-1991, fi Krakovja.